



Brussell, 26 ta' Ottubru 2023  
(OR. en)

14619/23

**Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0367(BUD)**

**FIN 1089  
PE-L 42**

**NOTA PUNT "I/A"**

|                |                                                                                                                                                                                                                                                                                                  |
|----------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:          | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                 |
| lil:           | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                    |
| Nru dok. Cion: | 13960/23 (COM(2023) 530 final)                                                                                                                                                                                                                                                                   |
| Suġġett:       | Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4 tal-baġit ġenerali tal-2023: Tnaqqis fl-appropriazzjonijiet ta' pagament - Aġġustamenti oħra u aġġornamenti tekniċi <ul style="list-style-type: none"><li>– <i>Adozzjoni</i></li><li>– <i>Approvazzjoni ta' ittra</i></li></ul> |

1. Fil-11 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill abbozz ta' baġit emendatorju (ABE) Nru 4 tal-baġit ġenerali tal-2023 dwar tnaqqis fl-appropriazzjonijiet ta' pagament u aġġustamenti oħra u aġġornamenti tekniċi<sup>1</sup>.

<sup>1</sup> Dokument 13960/23.

L-għan ta' din il-proposta huwa li:

- jitnaqqsu l-appropriazzjonijiet tal-proġett tar-Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (ITER) b'EUR 280 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn (a/i) u EUR 264 miljun f'appropriazzjonijiet ta' pagament (a/p), minħabba d-dewmien akkumulat fl-implimentazzjoni tal-proġett, li mhux ser ikun possibbli li jitreġġa' lura għall-iskeda aktar tard din is-sena;
- jitnaqqas il-livell ta' a/p għall-Programm Ewropa Diġitali (DEP), il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) għal ammont totali ta' EUR 3 biljun. Dawn l-ammonti ma setgħux jiġu inklużi fir-riallokazzjonijiet proposti fit-"Trasferiment globali" (DEC 13/2023) ippreżentat lill-Parlament u lill-Kunsill fis-27 ta' Settembru 2023;
- taġġusta l-livell tan-nefqa amministrattiva, il-pensjonijiet u n-nefqa għall-Iskejjel Ewropej fl-intestatura 7 u żżid il-livell ta' appropriazzjonijiet b'EUR 32.5 miljun bħala riżultat tar-reviżjoni tas-salarji, l-għadd oġġla ta' benefiċjarji tal-pensjonijiet u l-prezzijiet għoljin kontinwi tal-enerġija;
- tippermetti lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) jirrekluta 20 espert nazzjonali sekondat mingħajr spejjeż għall-Kapaċità Militari tal-Ippjanar u t-Tmexxija (MPCC) mingħajr impatt fuq il-livell ta' appropriazzjonijiet fl-2023;
- taġġusta l-kontribuzzjoni tal-UE u l-għadd ta' karigi tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (l-UPPE) biex tissaħħaħ is-sigurtà u ċ-ċibersigurtà tiegħu;
- taġġusta l-kontribuzzjoni tal-UE għall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) biex jitqiesu n-negozjati li għaddejjin bħalissa dwar il-proposta għal Liġi dwar ir-restawr tan-natura;

B'mod ġenerali, l-impatt nett ta' dan l-ABE fuq in-nefqa jammonta għal tnaqqis ta' EUR 247.5 miljun f'a/i u ta' EUR 3 254.8 miljun f'a/p.

2. Bil-ħsieb tal-adozzjoni f'waqtha mill-Parlament Ewropew ta' dan l-abbozz ta' baġit emendatorju qabel tmiem is-sena finanzjarja 2023, il-Kunsill għandu jiddeċiedi, minħabba l-urġenza tal-kwistjoni, li jqassar, f'konformità mal-Artikolu 3(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, il-perjodu ta' tmien ġimgħat stipulat fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea.
3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-ABE Nru 4/2023 fil-laqgħat tiegħu tad-19 u l-24 ta' Ottubru 2023, u seta' jaċċettah mingħajr bidliet.
4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill:
  - jadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 4/2023 kif tinsab fil-punt 3;
  - jagħti struzzjonijiet lill-Presidenza biex tħejji d-dokumenti baġitarji li għandhom jintbagħtu lill-Parlament Ewropew u tapprova l-abbozz ta' ittra fl-Anness għal dak il-għan; u
  - jippubblika d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023, kif tinsab fid-dokument 14621/23, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
  - fid-dawl tal-urġenza tal-kwistjoni, jiddeċiedi li jidderoga, abbażi tal-Artikolu 3(3), it-tieni subparagrafu, tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, mill-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dak l-Artikolu.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn : Il-President tal-Kunsill

lil : Il-President tal-Parlament Ewropew

Sinjura President,

Qed nibgħatlek separatament il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4 għas-sena finanzjarja 2023, adottata mill-Kunsill fid-9 ta' Novembru 2023.

(Formola tal-għeluq).

---